15 ta' Jannar, 1965.

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., LL.D., B.A., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Maria Debono et.

*versus*

Filippo Debono, et.

**Preskrizzjoni — Rinunzja Għal — Avukat.**

*La darba l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tiġi rinunzjata, ma tistax iktar tard terġa tiġi mqajma.*

*Ir-rinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġa mqajma, magħmula mill-Avukat mingħajr il-kunsens tal-konvenut innifsu tista tiġi ritirata mill-konvenut.*

*Rinunzja għal preskrizzjoni ġa kompjuta hija att ta' disposizzjoni li teżorbita mill-funzjonijiet li l-Avukat għandu biex fl-interess u għan-nom tal-klijent imexxi l-kawża.*

Il-Qorti, Rat is-sentenza tagħha tat-30 ta' Novembru, 1964, fejn hemm miġjubin iċ-ċitazzjoni tal-atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-appellat Filippo Debono fis-sens illi l-appell messu sar quddiem il-Qorti ta' Għawdex bħala Qorti tat-Tieni Istanza Superjuri Ċivili u ġie ordnat li titkompla it-trattazzjoni ulterjuri ta' l-appell.

Wara li saret din it-trattazzjoni il-Qorti kkunsidrat.

Bis-sentenza appellata ġie deċiż illi l-konvenuti kellhom id-dritt li jerġgħu javanzaw l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni triġenarja ġa minnhom mogħtija u rtirata.

Il-fatti rilevanti huma dawn:

Bin-nota tal-eċċeżżjonijiet tagħhom fol. 20, 22 u 27 rispettivament, il-konvenuti Filippo Debono, Kanoniku Debono, Francesco Camilleri, u Rosa mart Michele Galea opponew kontra t-talba tal-atturi, fost eċċezzjonijiet oħra, il-preskrizzjoni triġenarja;

Bin-nota tiegħu tas-6 ta' Mejju, 1963 il-konvenut Filippo Debono "irrinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja" u b'nota ta l-istess data, il-konvenuti Kanoniku Dekan Camilleri u Rosa Galea, qalu li "ma jinsistux iżjed fuq l-eċċezzjoni triġenarja minnhom sollevata fil-kawża".

B'nota oħra ta' eċċezzjonijiet preżentata fl-1 ta' Ottubru, 1963, il-konvenut Filippo Debono, fil-każ li ssolleva eċċezzjonijiet ġodda, irriżerva "li jagħti, meta jkun hemm lok, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja għalkemm momentaneament rinunzjata". Dottor Albert Ganado, fl-istess seduta, iddikjara li minn dak il-ħin stess kien jopponi ruħu għal dik ir-riżerva għall-għoti mill-ġdid ta' dik l-eċċezzjoni.

Fl-10 ta' Ottubru, 1963 b'nota ppreżentata minnu, il-konvenut Filippo Debono qal li "illi hu ma awtorizzax lid-difensur tiegħu jirrinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja ġja minnu mogħtija, jiddikjara għal kull fini tajjeb u speċjalment għal fini tal-artikolu 695 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15) li hu jirtira l-istess rinunzja u

jinsisti għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja".

Nota fl-istess sens ġiet preżentata fl-istess ġurnata mill-Kanoniku Dekan Francesco Camilleri.

Tant Filippo Debono kemm il-Kanoniku Dekan Camilleri xehdu in sostanza illi huma kienu ħallew f'idejn l-Avukati rispettivi tagħhom kif jiddefendu l-kawża u ma ġewx speċjalment konsultati u huma ma taw ebda istruzzjonijiet partikolari la meta l-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet inizjalment sollevata u lanqas meta, in segwitu ġiet irtirata.

Issa l-atturi jilmentaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti l-ewwelnett għal ex — kif jgħidu huma — dik is-sentenza estendiet l-applikazzjoni ta' l-Artkolu 695 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għal dikjarazzjonijiet jew allegazzjonijiet li mhumiex fatt, mentri, fis-sottomissjoni tagħhom, dak l-artikolu kif interpretat mill-ġurisprudenza, japplika biss għal dikjarazzjonijiet jew allegazzjonijet ta' fatt u mhux ta' dritt, fi kliem ieħor għal dikjarazzjonijiet jew allegazzjonijiet li jistgħu isiru bħala prova. Del resto — huma ikomplu jgħidu — l-avukat hu mandatarju tal-parti u dak kollu li jagħmel għan-nom tal-parti fl-isfera tad-difiża tal-klient tiegħu, jorbot lill-istess parti daqs li kieku sar mill-parti stess; u m'hemmx dubbju illi rinunzja ta' eċċezzjoni tidħol fl-isfera tad-difiża;

L-appellat Filippo Debono fir-risposta tiegħu ssottometta prinċipalment illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista skond il-liġi tiġi sollevata fi kwalunkwe stadju tal-kawża (salva l-kwistjoni tal-ispejjeż) u ebda liġi ma timpedixxi li l-konvenut jerġa jagħti l-eċċezzjoni anke wara li jkun irtiraha. Fi kwalunnkwe każ, f'dina l-kawża l-eċċezzjoni ġiet

irtirata ad insaputa tal-klijent u mingħajr ebda awtorizzazzjoni tiegħu u għalhekk dik ir-rinunzja għall-eċċezzjoni ma tistax timporta dekadenza tiegħu mid-dritt li jerġa j'ssollevaħa.

L-appellati Kanoniku Dekan Camilleri u Rosa Galea sostanzjalment assoċjaw ruħhom mal-appellat Filippo Debono, mentri l-appellata Carmela Vella rrimettiet ruħha għal ġjudizzju ta' din il-Qorti.

Fis-sentenza appellata jingħad — kif ġie rilevat hawn fuq li ssottometta ukoll l-appellat Debono — bħala argument favur il-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Qorti, illi l-perskrizzjoni tista tiġi opposta fi kwalunkwe stadju talproċess anki fl-appell.

Fih innifsu dan hu ċertament veru: infatti tgħidu l-liġi espressament fl-artikolu 2217 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi:

"Prescription may be set up at any stage of the proceedings, even in appeal".

Iżda dan bl-ebda mod ma jirriżolvi l-kwistjoni involuta f'dan l-appell. Kif din il-Qorti rrilevat fil-kawża "Frank Borg v. John Nicola Cassar" (App. Kummerċjali 19 ta' Frar, 1960): Għad illi l-Artikolu 2217 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna jgħid illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista tingħata f'kull waqt tal-kawża, mqar fl-Appell, ma jidhirx li jista jkun hemm dubbju illi, anke fil-liġi tagħna jgħodd dak li kien jgħid l-artikolu 2224 tal-Kodiċi Franċiż li minnu jidher li ttieħed l-Artikolu tagħna, ċioe illi l-preskrizzjoni tista tiġi opposta fi kwalunkwe stadju tal-kawża, anki fl-appell, 'purchè le circostanze non offrono un fatto d'onde risulti che la

**parte che non l'ha opposta n'abbia rinunziato'.** Kif jidher min-noti ta' Sir Adriano Dingli dawk l-aħħar kliem tal-Koċiċi Franċiż ġew omessi "perche fanno dubitare che il silenzio in prim' istanza importi rinunzia". Dan id-dubju ried jiġi rimoss, iżda evidentement ma kienitx l-intenzjoni illi jiġi inċħud il-prinċipju illi **jekk il-preskrizzjoni tkun ġiet rinunzjata — sew taċitament jew espressament — dan ir-reċess ma jistax jiġi (revokat (u kwindi l-preskrizzjoni ma tistax tinġieb il-quddiem wara dik ir-rinunzja."**

F'din il-kawża il-kwistjoni tar-rinunzja "taċita" ma tidħol xejn: il-kwistjoni hi biss jekk kienx hemm rinunzja **espressa**, tali li timpedixxi li l-eċċezzjoni terġa tiġi sollevata.

Fil-kawża hawn fuq imsemmija l-konvenut ukoll kien, fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, għall-bidu, oppona l-preskrizzjoni. Iktar tard, fil-kawża, — kien irtira dik l-eċċezzjoni, imma, wara ried jerġa' jissollevaha. Iżda f'dak il-każ, **fil-waqt stess li l-eċċezzjoni kienet qed tiġi rtirata** "minħabba l-fatti kif ġraw", il-konvenut **kien espressament irriżerva li jerġa jissollevaha iżjed il quddiem jekk jidhirlu li jkun il-każ.** Din il-Qorti rriteniet illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-konvenut ma kienx verament **irrinunzja** għall-preskrizzjoni iżda kien biss **issospenda** l-eżami tal-eċċezzjoni f'dak l-istadju, mingħajr preġudizzji li dak l-eżami isir fi stadju ieħor jekk ikun il-**każ.**

**"Kieku r-rinunzja kienet pura u sempliċi"** — qalet il-Qorti — **"naturalment ma kienx ikun hemm dubbju illi l-konvenut ma kienx ikun jista jerġa jissolleva dik l-eċċezzjoni f'dan l-istadju"**, u in sostenn ta dan il-Qorti ċċitat l-awtorita tas-sentenza in re "Aquilina vs. Gauci" (App: Kumm: 30 ta' Ġunju. 1899. Vol. XVII, I, 57) li kienet qalet

illi l-irtir ta' eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġa sollevata jimporta rinunzja għal preskrizzjoni "quando l'intenzione di non rinunziarsi non e espressa: perche tale protesta dichiaratoria potesse essere efficace, come rimedio contro una rinunzzja assoluta, fa d'uopo che essa si facesse in termini chiari, importanti una sospensione dell'esame di quella eccezione per coltivare il merito, senza pregiudizio della stessa."

Issa fil-każ preżenti ebda kondizzjoni jew riserva ma saret. In-nota tal-konvenut Filippo Debono — kif ġa ġie rilevat — kienet tgħid biss li hu "jirrinunzja għall-eżami tal-preskrizzjoni triġenarja" u n-nota tal-konvenuti l-oħra Kanoniku Camilleri u Rosa Galea ma kienitx tgħid ħlief illi huma "ma jinsistux iżjed fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja minnhom sollevata fil-kawża".

Veru illi l-Avukat Dr. Giuseppe Pace xehed, tant in prim' istanza kemm quddiem din il-Qorti, illi l-eċċezzjoni kienet ġiet irtirata fuq suġġeriment tal-Maġistrat allura sedenti fl-ewwel Qorti biex sata jiddeċidi kwistjoni oħra, u din il-Qorti ma għandha naturalment ebda dubju fuq dak li qal Dr Pace. Iżda dan jista biss jispjega għaliex saret ir-rinunzja: Preżumibilment Dottor Pace ħaseb illi, jekk il-kawża kienet ser tintrebaħ fuq eċċezzjoni oħra, ma kienx jimporta li hu jirrinunzja għall-preskrizzjoni eċċepita. Dan ma ineħħix pero illi r-rinunzja kienet inkondizzjonata u bla riżerva. Jekk dik ma kienitx allura l-intenzjoni ta' Dottor Pace ma kien hemm xejn li jimpedixxi illi ssir riżerva b'termini espressi.

Dan vwoldiri illi kieku wieħed kellu jieqaf hawn, in bażi għal ġurisprudenza hawn fuq imsemmija kien ikollu jingħad illi una volta rinunzjata espressament il-preskrizzjoni

ma setgħatx iktar tard, sempliċement għaliex iċ-ċirkostanzi tal-kawża dehru talvolta li tbiddlu, terġa tiġi sollevata. Fl-iskritturi da parti ta' Filippo Debono donnha ġiet suġġerita distinzjoni bejn il-**preskrizzjoni fiha n-nifisha** bħala mod li bih jiġi akkwistat dritt jew mod li bih wieħed jillibera ruħu minn azzjoni u *l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni*. Iżda hu ċar illi din id-distinzjoni ma teżistix għal ebda fini prattiku. Il-preskrizzjoni akkampata minn konvenut tidentifika u tikkonkretezza ruħha neċessarjament fl-eċċezzjoni relativa, tant li ma tistax tiġi sollevata 'ex officio' jew kunsidrata mill-Qorti ħlief u kwantu tkun opposta. Meta konvenut jew ma jeċċepix il-preskrizzjoni jew jirrinunzja bla riżerva għall-eċċezzjoni li jkun qabel issolleva, dan ifisser illi hu ma jridx jipprevalixxi ruħu mill-benefiċċju li l-liġi tannetti għall-preskrizzjoni.

Iżda l-kwistjoni fil-każ preżenti ma tieqafx hemm. Di fatti l-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hi jekk ir-rinunzzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġa sollevata magħmula mill-Avukat mingħajr il-kunsens tal-konvenut in-nifsu tistax tiġi rtirata mill-konvenut. Fuq din il-kwistjoni żżewġ sentenzi ta' din il-Qorti fuq ċitati ma joffru ebda awtorita kuntrarja għat-teżi sostnuta mill-konvenuti: anzi s-sentenza "Aquilina vs. Gauci" tista "a contrario" toffri argument favorevoli.

Fl-ewwel waħda minn dawn il-kawżi ċioe dik "Borg vs. Cassar" din il-kwistjoni partikolari ma qamitx u lanqas ma kien hemm bżonn li tqum ġa la darba r-rinunzja għall-eċċezzjoni kienet kondizzjonata u bid-debiti riżervi. Fis-sentenza l-oħra ċioe dik "Aquilina vs. Gauci" jingħad espressament, proprji fl-ewwel kosiderandi, illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġa mogħtija mill-konvenut kienet ġiet irtirata mill-Avukat **"col consenso del cliente"**. Fil-fehma ta' din il-

Qorti din ma setgħetx ma kienitx konsiderazzjoni importanti — infatti, il-Qorti taħseb, fondamentali — f'dik id-deċiżjoni.

Bħala fatt jirriżulta abbondanti — illi, fil-każ preżenti, il-konvenuti ma taw ebda kunsens lill-avukati biex jirtiraw l-eċċezzjoni in kwistjoni u n-nota li biha dik l-eċċezzjoni ġiet rinunzjata ma saret b'ebda instruzzjonijiet tal-konvenuti.

L-atturi, pero, jgħidu illi l-Artikolu 695 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili japplika biss fil-każ ta dikjarazzjoni jew allegazzjonijiet ta' fatt. Imma anki jekk dan hu hekk, dikjarazzjoni **ta' rinunzja ta' preskrizzzjoni hija** dikjarazzjoni **ta fatt**. L-ewwelnett, — kif jgħallem Peyhise, l-usucapione (u naturalment anki l-preskrizzjoni estintiva) "e nella sua essenza una **cosa di fatto**: u un fatto il posesso che ne costituisce l'elemento pacifico, e un fatto la sua durata nel tempo definito." It-tieni nett meta Avukat jiddikjara illi l-parti rappreżentata minnu fil-kawża "tirrinunzja għal preskrizzjoni ġja eċċepita" hu ikun qiegħed jiddikjara fatt ċioe illi l-parti ma tridx iżjed tavvantaġġja ruħha mid-drittijiet illi l-preskrizzjoni tagħtiha. Il-parti li ma tkunx awtorizzatt lill-Avukat li jagħmel dik id-dikjarazzjoni għandha għalhekk id-dritt skond l-imsemmi artikolu li tirtira dik id-dikjarazzjoni li, "ex hypothesi" ttiddanneġġjaha.

Oltre dan, ir-rinunzja għal-preskrizzjoni ġa kompjuta hija att ta' disposizzjoni li, fil-fehma tal-Qorti teżorbita mill-funzjonijiet li l-avukat għandu biex, fl-interess u għannom tal-klient imexxi l-kawża.

Għaldaqstant l-appell rigward il-meritu tas-sentenza appellata ma jistax jiġi milqugħ.

Subordinatament l-atturi jilmentaw mis-sentenza appellata in kwantu li waħħlet l-ispejjeż kollha ta' l-inċident lill-attriċi Maria Debono.

Ma jidherx illi kien hemm raġuni għaliex l-attur l-ieħor Joseph Debono kellu jiġi eżonerat għal kollox mill-ispejjeż. Meta Dr. Ganado, skond il-verbal fol. 65 tergo, għamel oppozzizjoni għar-rizerva magħmulha minn Dr. Pace, hu għamilha "għal-atturi". Hu veru illi n-nota ta' l-osservazzjonijiet fuq il-kwistjoni li tifforma l-oġġett tad-deċiżjoni appellata ġiet preżentata biss għan-nom tal-attriċi Maria Debono, iżda ma jidherx illi hemm dubbju illi l-opposizzjoni għal-għoti mill-ġdid ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni da parti tal-konvenuti kompliet sas-sentenza f' isem u fl-interess taż-żewġ atturi: tant huwa hekk illi anki l-appell sar għan-nom taż-żewġ atturi.

Il-Qorti tissimpattizza ukoll mas-sottomissjoni tal-appellati illi ċertu tort għall-inċident kien hemm ukoll da parti tal-avukati tal-konvenuti Filippo Debono, Dekan Camilleri u Rosa Galea; in kwantu irrinunzjaw għall-eċċezzjoni, bla ma kkonsultaw speċjalment u ħadu l-kunsens ta' dawk il-partijiet.

Għalhekk kien hemm lok għal xi temperament fil kap tal-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi:

Tiċħad fil-meritu l-appell ta' l-atturi u fil-meritu tikkonferma s-sentenza appellata.

Tirriforma dik is-sentenza fil-kap tal-ispejjeż in kwantu tirrevoka dak il-kap li akkollha l-ispejjeż kollha tal-in-

ċident fuq l-atturi Maria Debono u tordna minflok illi l-ispejjeż tal-prima istanza jitħallsu $\frac{2}{3}$ mill-atturi Maria Debono u Joseph Debono u $\frac{1}{3}$ mill-konvenuti Filippo Debono, Dekan Camilleri u Rosa Galea.

L-ispejjeż tal-appell jitħallsu 9/10 mill-atturi appellati u 1/10 mill-appellat Filippo Debono.